# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju, 2002

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 1346/02 EG**

**U.C.I.M. CO. LTD.**

**vs**

**Anthony Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002 fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm300.44c) rappresentanti prezz ta' xoghol maghmul u spare parts forniti fuq ordni tal-konvenut fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAD 876 u dana skond Job Card numru 137594

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ April 2002 kontra l-konvenut u bl-imghax legali.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota pprezentata mill-avukat Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ attrici fis-seduta tal-24 ta’ Gunju 2002 li permezz taghha huwa ceda s-sorte ta’ tlett mitt lira Maltin u erba u erbghin centezmu (Lm300.44c), izda zamm ferm l-imghax u l-ispejjez tal-kawza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tan-nota ta’ cessjoni msemmija.

Ghaldaqstant wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba attrici limitatament rigward is-sorte u dana in vista tan-nota ta’ cessjoni ipprezentata mis-socjeta attrici, izda jilqa’ t-talba attrici limitatament rigward l-imghax u l-ispejjez u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-imghaxijiet legali kif ukoll l-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ April 2002, skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**